**STQARRIJA MINISTERJALI MAGĦMULA MILL-PRIM MINISTRU, L-ONOR. ROBERT ABELA, DWAR IL-KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL EWROPEW LI NŻAMM FI BRUSSELL FL-1 U T-2 TA' OTTUBRU 2020**

Sur President

Il-Ħamis u l-Ġimgħa li għaddEW attendejt għal laqgħa speċjali tal-Kunsill Ewropew li xtaqt nagħti aġġornament dwarha lil din il-Kamra.

Din il-laqgħa kienet skedata li ssir ġimgħa qabel, iżda minħabba li membru mit-tim tas-sigurtà tal-President tal-Kunsill Ewropew irriżulta li kien pożittiv għall-Covid-19, kellha tiġi posposta b'ġimgħa. Għall-fini ta' kjarezza, l-uffiċċju tal-President Charles Michel ikkomunika formalment mal-Gvern u informa li l-President Michel kien qed joqgħod f'iżolament bħala prekawzjoni u li l-membru tat-tim tas-sigurtà li kien irriżulta pożittiv ma kienx parti mid-delegazzjoni li kienet f'Malta l-ġimgħa ta' qabel.

Fuq l-aġenda ta' din il-laqgħa speċjali tal-Kunsill Ewropew kien hemm tliet temi:

1. il-Covid-19;
2. is-suq waħdieni, il-politika industrijali u diġitali tal-Unjoni Ewropea; u
3. ir-relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ma' pajjiżi terzi

Dwar l-ewwel punt fuq l-aġenda, il-COVID-19, bħala mexxejja u kapijiet ta' stat iddiskutejna l-bżonn li nikkordinaw l-isforzi tagħna u li nsegwu mill-qrib dak li jkun għaddej dwar l-żvilupp tal-vaċċin.

Speċifikament dwar il-vaċċin, il-President tal-Kummissjoni Ewropea saħqet li għan-nom tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni kienet għaddejja b'negozjati ma' seba' kumpaniji kbar u li ma tnejn minnhom diġà hemm kuntratt. Dan bil-għan li jkun hemm dak li jissejjaħ *advanced purchase agreement* li jiżgura li l-Ewropa jkollha żewġ miljun doża mill-ewwel konsenja ta' vaċċin li jiġi mmanifatturat u 300 mitt miljun doża b'kollox. Il-President Von der Leyen spjegat ukoll li l-Unjoni Ewropea qed taħdem ukoll biex tiżgura li jkun hemm dożi għal pajjiżi terzi li huma kkunsidrati bħala fqar.

Dwar il-bżonn ta' kordinament, kien hemm qbil unanimu bejn il-mexxejja dwar il-ħtieġa ta' pożizzjonijiet komuni dwar perjodi ta' kwarantina, il-bżonn ta' komunikazzjoni aktar effettiva dwar miżuri restrittivi u l-ftuħ tal-fruntieri fost l-oħrajn.

Dwar il-perjodi ta' kwarantina, il-ħtieġa ta' kordinament qiegħda tinħass sew – speċjalment fid-dawl tal-fatt li xi pajjiżi, fosthom Franza u l-Belġju, diġà naqqsu l-perjodu ta' kwarantina għal sebat ijiem. Dan kien ukoll suġġett ta' diskussjoni bejn il-Ministri tas-Saħħa fl-aħħar jiem, speċjalment fid-dawl ta' *data* minn stati membri kbar li turi li wara medja ta' ħamest ijiem, tonqos ir-rata ta' infettività ta' dan il-virus.

Ħafna mexxejja nnutaw li għalkemm in-numri ta' każijiet kien qiegħed jikber sew u fost il-każijiet pożittivi qed ikun hemm nies ta' etajiet iżgħar ukoll, ir-rati tal-mortalità naqsu drastikament meta mqabbel mal-każijiet li feġġew fil-bidu ta' din il-pandemija. Xi mexxejja tkellmu wkoll dwar l-importanza tal-miżuri ta' prevenzjoni, imma wkoll dwar il-bżonn li jkun hemm bilanċ u li tibqa' għaddejja n-normalità tal-ħajja – fosthom permezz tal-ftuħ tal-iskejjel u li l-ekonomija tibqa' għaddejja.

Dwar dan  l-aħħar punt u l-bżonn li jkun hemm bilanċ, f'isem il-Gvern Malti wrejt l-appoġġ tiegħi. Tennejt ukoll l-importanza li nikkordinaw bejnietna bħala pajjiżi membri u li jkollna *data* li tkun komparabbli, biex ix-xjentisti jkunu jistgħu jagħmlu analiżi ġusta.

Fuq it-tieni punt li kien hemm fuq l-aġenda, jiġifieri dak dwar is-suq waħdieni u diġitali, id-diskussjonijiet iffukaw fuq il-bżonn li l-Unjoni Ewropea tkompli tinvesti fis-suq waħdieni biex jitneħħew l-ostakli li fadal u jsir aktar kompetittiv fuq livell dinji.

Hawn qamet diskussjoni importanti dwar l-awtonomija strateġika tal-Unjoni Ewropea – jiġifieri l-bżonn li l-Unjoni tkun tista' tirreaġixxi għal kriżijiet mingħajr ma tiddependi minn pajjiżi terzi.

Il-messaġġ li għaddejt f'isem il-Gvern f'din id-diskussjoni kien dwar il-bżonn ta' bilanċ. Bilanċ bejn li wieħed jadotta pożizzjoni li tkun protezzjonista u l-bżonn ta' investiment fis-sistemi fis-suq waħdieni biex inkunu awtonomi bħala Unjoni Ewropea.

Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-bżonn ta' politika industrijali b'saħħitha għall-Unjoni Ewropea li tgħin lin-negozji  żgħar u medji, u li tinvesti f'oqsma sensittivi bħal dawk marbuta mas-saħħa. Dwar dan kien hemm qbil li dawn l-investimenti għandhom jgħinu wkoll biex jiġu promossi investiment li jgħinu biex jiżdiedu l-impjiegi, biex nilħqu l-miri tas-sostenibbiltà u l-ekonomija ħadra, u biex ngħinu fit-tranżizzjoni diġitali.

Dwar it-tranżizzjoni diġitali, qbilna bħala mexxejja li 20 fil-mija tal-fondi mill-faċilità ta' rkupru jmorru għal investimenti diġitali. Dan ifisser li bħala pajjiż se ninvestu parti sostanzjali mill-pakkett ta' żewġ biljun, mitejn u ħamsin miljun ewro li nnegozjajna f'Lulju li għadda biex ninvestuhom f'dan is-settur.

Iddiskutejna wkoll il-bżonn ta' strateġija dwar id-*data*, il-bżonn tal-e-ID (*electronic identification*) fuq livell Ewropew u li jkun hemm *roll-out* malajr tal-5G, l-importanza ta' att dwar is-servizzi diġitali, kif ukoll investimenti fi *cloud services*. L-għan hu li l-Unjoni Ewropea tkun *leader* f'dan is-settur.

L-aħħar punt fuq l-aġenda tal-Kunsill kien dwar ir-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni Ewropea ma' pajjiżi terzi.

Hawn il-Kunsill iddiskuta s-sitwazzjoni fil-Lvant tal-Mediterran, ir-relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea maċ-Ċina, il-Belarus, il-kunflitt bejn l-Armenja u l-Azerbajġan, u l-każ Navalny.

F'dan ir-rigward, l-aktar punt li kien importanti mil-lenti tagħna bħala Gvern kien dak dwar is-sitwazzjoni fil-Lvant tal-Mediterran. Dwar dan, kien hemm qbil unanimu bejn il-mexxejja kollha fil-Kunsill dwar il-bżonn ta' solidarjetà ma' żewġ pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea – il-Greċja u Ċipru. Bħala Kunsill konna ċari dwar il-fatt li nemmnu li s-sovranità u d-drittijiet tas-sovranità ta' dawn iż-żewġ pajjiżi membri jridu jiġu rispettati.

Qbilna wkoll dwar il-bżonn ta' djalogu ma' msieħba strateġiċi tal-Unjoni Ewropea dwar differenzi eżistenti u biex ikun hemm soluzzjonijiet paċifiċi għat-tensjonijiet li hemm fir-reġjun. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill laqa' wkoll l-aħħar żvilupp importanti fejn se jkun hemm diskussjonijiet esploratorji dwar id-delimitazzjoni tal-Continental Shelf u l-Exclusive Economic Zone bejn it-Turkija u l-Greċja.

Fl-istess ħin, il-Kunsill ikkundana atti oħra li saru li jimminaw id-drittijiet sovrani ta' Ċipru u sejjaħ għal djalogu biex jiġu riżolti d-differenzi.

Għaldaqstant ġie deċiż li jerġa' jkun hemm diskussjoni dwar dan f'Diċembru li ġej u l-Unjoni rriżervat id-dritt li tuża l-għodod kollha li għandha, inkluż is-sanzjonijiet, jekk is-sitwazzjoni tmur għall-agħar. Fil-frattemp, il-ħidma ser tkompli tiffoka fuq id-djalogu u proċessi oħra multilaterali, inkluż l-idea tal-President tal-Kunsill Ewropew li jkun hemm Konferenza dwar il-Lvant tal-Mediterran li tiddiskuti mhux biss kwistjonijiet ta' sigurtà u marittimi, iżda anke r-relazzjonijiet f'oqsma bħall-enerġija, il-kummerċ u l-migrazzjoni.

Dwar dan il-punt, il-Gvern kellu pożizzjoni ċara ħafna – is-soluzzjoni aħħarija trid tkun waħda li naslu għaliha permezz tad-djalogu. B'hekk biss jista' jkollna riżultat li jiggarantixxi l-paċi u l-istabbiltà.

Għalhekk, fil-fehma tagħna jekk nadottaw sanzjonijiet jew nikkastigaw pajjiż terz, hu min hu, mhux se jkollna soluzjoni effettiva.

Qbilna wkoll ma' dak li ppromwova l-President Michel – jiġifieri l-idea li jkun hemm konferenza dwar il-Lvant tal-Mediterran. Nemmnu li pajjiżi bħat-Turkija, għandhom potenzjal u li jekk noħolqu konfront magħhom mhu se jkun ta' benefiċċju għal ħadd.

Għaldaqstant, il-ħsieb li niddiskutu u nitkellmu dwar oqsma bħall-kummerċ, enerġija, koperazzjoni dwar migrazzjoni flimkien ma' oħrajn li huma aktar sensittivi hi waħda li tagħmel ħafna sens, speċjalment peress li titfa' l-kwistjonijiet kollha f'kuntest aktar wiesa'.

Barra minn hekk, għamilt il-punt li l-Mediterran hu wieħed u ma nistgħux inħarsu biss lejn in-naħa tal-Lvant għaliex jekk nagħmlu hekk u ninjoraw partijiet oħra, xorta waħda mhux se jkollna stabbiltà fl-Ewropa. Għalhekk komplejt nisħaq, flimkien ma' mexxejja ta' stati membri, dwar il-bżonn li nikkomunikaw u niddjalogaw ma' pajjiżi bħal-Libja, it-Tuneżija, l-Alġerija, il-Marokk u *partners* oħra Afrikani.

Dawn huma *partners* strateġiċi wkoll għall-Unjoni u li rridu nitkellmu magħhom dwar kummerċ, ekonomija u żvilupp. B'hekk biss nistgħu niksbu l-appoġġ tagħhom biex nindirizzaw kwistjonijiet bħalma huma r-ritorn ta' dawk li ma jikkwalifikawx għall-ażil, is-sigurtà tal-fruntieri u l-migrazzjoni.

Hawn ta' min ifakkar li ħafna minn dawn huma pajjiżi li ma joriġinawx minnhom l-influssi migratorji imma fihom hemm traffikanti tal-bnedmin. Allura jeħtieġ li nikkoperaw magħhom biex ngħinuhom ikomplu jsalvaw il-ħajjiet billi jipprevjenu lil dawn il-gruppi kriminali milli jisfruttaw lill-immigranti. Dan irid ikun imżewweġ ma' investimenti li jgħinu l-ħidma ta' għaqdiet bħall-IOM u l-UNHCR li jgħinu lil dawk salvati jgħixu ħajja xierqa.

Bħala Gvern inħarsu 'l quddiem għal aktar diskussjonijiet dwar dawn il-kwistjonijiet relatati mal-migrazzjoni, speċjalment fis-Summit ta' Diċembru fejn se niddiskutu l-viċinat fin-naħa t'isfel tal-Ewropa (Southern Neighbourhood).

Barra minn hekk, għalkemm ma kienx punt fuq l-aġenda formalment, il-Kunsill ingħata rendikont tal-aħħar żviluppi fin-negozjati li għaddejjin mar-Renju Unit. Aktar kmieni l-Ġimgħa filgħodu ltqajt ukoll man-negozjatur ewlieni tal-Unjoni Ewropea dwar ir-relazzjonijiet

mar-Renju Unit, is-Sur Michel Barnier. Dwar dan ftit li xejn hemm żviluppi apparti dak li kien irrappurtat fil-midja, jiġifieri li għad hemm diverġenzi sinifikanti bejn iż-żewġ naħat fuq tliet temi ewlenin – il-*level playing field*, is-sajd u l-governanza. Il-Kunsill se jiddiskuti formalment dan is-suġġett fil-laqgħa li jmiss li se ssir għaxart ijiem oħra.

Sur President, qiegħed inpoġġi fuq il-mejda tal-Kamra kopji ta' dokument EUCO 13/20 bil-konklużjonijiet adottati f'din il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew.

Fl-aħħar nett Sur President, fil-marġni tal-Kunsill kelli wkoll laqgħa mal-Kummissarju Ewropew Maltija Dr Helena Dalli fejn ingħatajt aġġornament tal-ħidma li qiegħda twettaq fuq livell Ewropew fil-qasam tal-ugwaljanza. Dr Dalli spjegatli fid-dettall l-aħħar strateġija li ġiet adottata u li qed taħdem fuqha, dik kontra r-razziżmu.